# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

## Laqgħa Nru. *14/07/2016*

Data: It-Tlieta 12 ta' April 2016

Hin: Fis-6.00 ta' filgħaxija

Post: Fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

---

Preżenti:
*Is-Sur Nicky Saliba – Sindku*
*Is-Sur Daniel Cordina – Deputat Sindku*
*Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera*
*Chev. Carmelo Saliba – Kunsillier*

*Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva*

Skużati:
*Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier*
*Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn*

Assenti:

---

## AĠENDA

1. Talba;
2. Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa bin-nru. 13/07/2016;
3. Punti li joħorġu mill-Minuti Laqgħa bin-nru. 13/07/2016;
4. Minuti tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn Laqgħa bin-nru. 15/2016;
5. Korrispondenza;
6. Ilmenti u Suġġerimenti;
7. Approvazzjoni tal-Kontijiet;
8. Sejħiet għal offerti u kwotazzjonijiet:
    - Kisi ta' toroq bil-*hot rolled asphalt*.
    - Provvista u installazzjoni ta' bankijiet;
9. Jum Iż-Żebbuġ 2016;
10. Inawgurazzjoni tal-proġett ta' Pjazza l-Assunta;
11. Ġemellaġġ mal-Comune di Lanuvio;
12. Affarijiet oħra;
13. Aġġornament.

**Minuti –** ***14/07/2016***

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

## 1. TALBA

1.1 Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 13/07/2016

2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 13/07/2016 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

2.3 Il-Kunsillier Carmelo Saliba rrefera għall-pġ 7 il-kant tal-quddiesa ta' Jum iż-Żebbuġ u qal minflok 'isir' għandu jitniżżel fil-minuti 'ikun jinvolvi wkoll'. Il-Kunsill qabel.

2.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti bil-korrezzjonijiet li saru u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati kif emendati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU 13/07/2016

3.1 Il-Kunsillier Carmelo Saliba rrefera għall-pġ 2 *item* 4 u ddikjara li hu qal dak id-diskors fiċ-ċirkustanzi li kienet għaddejja dak il-ħin is-seduta u dak li qal kien wieħed tal-mument. Il-Kunsilliera Sandra Grech qablet miegħu. Il-Kunsillier Saliba rringrazzja lill-Kunsilliera Grech għall-fatt li kienet qed taqbel miegħu.

3.2 Il-Kunsill approva:

- stima ta' Victor Cini għal bandiera kbira bl-emblema taż-Żebbuġ - €950.
- stima ta' Vassallo Jewellery €147 għal kull *badge* tad-deheb bl-emblema taż-Żebbuġ. Il-Kunsill approva x-xiri ta' seba' *badges* għall-Kunsillieri u membri tal-Kumitat.

## 4. MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GHAL MARSALFORN LAQGĦA BIN-NRU. 15/2016

4.1 Il-Kunsillier C Saliba rrefera għal ilment nru. KAM 06/2016 u qal ma jistenniex tul ta' żmien biex isir ċertu xogħol. Is-Sindku qal li dik il-bankina kienet se titranġa.

4.2 Il-Kunsillier C Saliba ppropona u l-Kunsill qabel li din il-bankina titranġa skont il-bżonn.

## 5. KORRISPONDENZA

5.1 Il-korrispondenza ttieħdet bħala moqrija mill-Kunsill.

## 6. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

6.1 Il-Kunsill approva t-*text* tal-mafkar lill-vittmi tal-gwerra ppreparat minn Dun Noel Saliba.

6.2 Il-Viċi Sindku ppropona u l-Kunsill qabel li jerġgħu jsiru l-korsijiet ta' tagħlim matul ix-xhur tas-sajf.

6.3 Ilment 10/2016 – is-Sinj. J Ham
Biex jitpoġġa *bin on wheels* ieħor maġenb l-i*skip* li diġa hemm fi Triq ix-Xwejni. Talba rifjutata mhux prattikabbli.

6.4 Ilment 11/2016 – is-Sindku N Saliba
Biex jerġa' jsir il-kors tal-induratura matul ix-xhur Ġunju – Lulju 2016. Approvat.
Biex jinqata' l-ħaxix mis-sit fejn ġie propost li jiġi żviluppat *belvedere* fi Triq Għajn Mhelhel. Approvat li jinqata' mill-ħaddiema tal-Kunsill.

6.5 Ilment 12/2016 – is-Sur T Cini
Talab biex issir rampa li tagħti aċċess għal egħlieqi fi Triq Habel it-Twil. Xogħol approvat li jsir minn Joseph Cefai.

6.6 Il-Kunsillier C Saliba ppropona li jsir pont fuq il-wied ta' Habel it-Twil. Gie deċiż li ssir *site visit* mill-Perit.

## 7. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

Skeda tal-ħlasijiet bin-nru. 12/2016 – DOK A għall-perijodu bejn it-12 ta' Frar 2016 u l-5 ta' April 2016 li tammonta għal €23,169.71 kienet approvata u ffirmata.

## 8. SEJHIET GHALL-OFFERTI U KWOTAZZJONIJIET

### KISI TA' TOROQ BIL-*HOT ROLLED ASPHALT*

8.1 Il-Kunsill qabel li jaħtar Bord ta' Evalwazzjoni tal-Offerti biex jirrakkomanda lill-Kunsill dwar l-offerti mitfugħa għall-kuntratt ta' kisi ta' toroq bil-*hot rolled asphalt*. Il-Kunsill qabel li l-Bord ikun magħmul minn:

Il-Perit Joe P Dimech – Chairperson
Il-Perit Edward Scerri – Membru
L-Av. Mario Scerri – Membru.

**PROVVISTA U INSTALLAZZJONI TA' BANKIJIET**

8.2 Is-Segretarja Eżekuttiva qrat ir-rapport tal-Perit dwar il-kwotazzjonijiet mitfugħa għal provvista u installazzjoni ta' bankijiet fi Triq il-Wied.

8.2.1 Il-Kunsill għażel il-kwotazzjoni ta' Dimech Enterprises Ltd li kienet l-aktar waħda vantaġġjuża.

5.

alfor 9. **JUM IŻ-ŻEBBUĠ 2016**

9.1 Għall-okkażjoni ta' Jum Iż-Żebbuġ 2016, il-Kunsill iddeċieda li jorganizza dawn l-attivitajiet:

Il-Hadd 24 ta' April — Tberik tal-*pets* bis-sehem tal-grupp folk Ta' Seguna.

It-Tnejn 25 ta' April — Laqgħa ta' ringrazzjament għall-eks Kunsillieri u membri li servew fil-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ u l-Kumitat Amministrattiv ta' Marsalforn matul is-snin u wara riċeviment.

L-Erbgħa 27 ta' April — Quddiesa tal-okkażjoni fil-Knisja San Pawl ta' Marsalforn.

Il-Hamis 28 ta' April — Inawgurazzjoni tal-proġett 'Serħan is-Sagħtrija' bis-sehem tat-tfal tal-Iskola.

9.1.1 Għal din l-attivita`, il-Kunsill approva:

- it-tfal inizzluhom is-Sagħtrija bit-trejn;
- isiru diskorsi tal-okkażjoni mis-Sindku, il-Kap tal-Iskola u l-Ministeru għal Għawdex;
- tingħata *badge* bl-arma taż-Żebbuġ lil kull tifel u tifla;
- it-tfal jingħataw *snack* ħafif (mingħand Sweet Passion);
- kiri ta' *pa system* mingħand il-Power Sound;
- ritratti George Scerri;
- lapida tal-irħam Fred Marble Stores.

Il-Hamis 28 ta' April — Quddiesa ta' radd il-ħajr fil-Knisja taż-Żebbuġ bis-sehem tal-Kor Sta Marija.

Tittella' serata bil-kollaborazzjoni tas-Soċjeta\` Filarmonika Sta Marija fis-sala tal-każin, l-*entertainment* jaħseb għalih il-Kunsill.

Is-Sibt 30 ta' April
Filgħodu — Logħob u divertiment għat-tfal fil-grawnd tal-Iskola (jinkrew mingħand Vince Apap *bouncy castle* u *gokarts*).

Filgħaxija — Ċerimonja ta' tifkira fis-sala tal-Iskola.

9.1.2 Il-Kunsill approva:
kiri ta' *sound* mingħand Power Sound, kiri ta' siġġijiet mingħand Emanuel Mercieca, servizz ta' *usher* Carmelino Refalo, servizz (kunċert) mill-Banda Sta Marija Żebbuġ, servizz mill-Kor Regina Angelorum u Cini Brothers, isiru diskorsi tal-okkażjoni mill-Kunsillieri, tippreżenta ċ-ċerimonja Diane Calleja, ritratti Baskal Mallia u Matthew Vella u wara ċ-ċerimonja riċeviment għall-mistednin (għand Sweet Passion).

9.1.3 Jingħata rikonoxximent lil:
- Michael Cini
- Nicholas Cassar
- Andrew Saliba
- Profs Horatio C Vella.

9.2 Jingħataw ċertifikati lill-istudenti li pparteċipaw fil-korsijiet organizzata mill-Kunsill matul is-sajf 2015.

**PREMJU ĠIEH IŻ-ŻEBBUĠ**

9.3 Is-Sindku ppropona u l-Kunsill unanimament qabel li l-Premju Ġieh Iż-Żebbuġ 2016 jingħata lis-Sur Joe Bajada għas-servizz li ta lill-lokalita\` taż-Żebbuġ.

## 10. INAWGURAZZJONI TAL-PROĠETT TA' PJAZZA L-ASSUNTA

Dan l-*item* se jkun diskuss f' seduta oħra.

## 11. ĠEMELLAĠĠ MAL-COMUNE DI LANUVIO

11.1 Is-Sindku beda biex irringrazzja lill-Kunsillier Saliba għax xogħol li wettaq biex dan il-ġemellaġġ ikun jista' jirnexxi. Is-Sindku talab lill-

Kunsillier Saliba biex jitkellem u jgħarraf lill-Kamra fiex kien wasal il-proċess.

11.2 Il-Kunsillier C Saliba qal wara li ġew stabbiliti l-erba' Kunsilli Lokali mir-Reġjun ta' Ruma u erba' Kunsilli oħra minn Għawdex, hu beda l-kuntatti mal-Comune di Lanuvio, lokalita` b' popolazzjoni ta' 7,000 ruħ interessata f' ġemellaġġ mal-Kunsill Lokali tagħna. Qal id-delegazzjoni magħmula minn tmienja, tnejn mill kull Kunsill ser tkun fostna mill-Ħadd 17 ta' April sat-Tlieta 19 ta' April 2016. L-iffirmar tal-Patt ta' Ħbiberija ser isir it-Tnejn 18 ta' April u d-delegazzjoni ser tkun fiż-Żebbuġ it-Tnejn wara nofsinhar; qal importanti li lkoll nilqgħuhom fostna. Qal id-delegazzjoi ser tkun alloġjata fil-Lukanda Grand u qal kien tfassal il-progamm taż-żjara fostna.

11.3 Is-Sindku qal l-ispejjeż ser jinqasmu bejn l-erba' Kunsilli Lokali.

11.4 Il-Kunsillier C Saliba qal dan ix-xogħol għamlu b' dover għall-ġid tal-lokalita`; għamlu minn qalbu u dan huwa biss l-bidu tax-xogħol.

## 12. AFFARIJIET OĦRA

12.1 Il-Viċi Sindku

- biex isir xogħol ta' traqqiegħ fi Triq Għajn Mhelhel il-fuq mill-Corinthia.
- qtugħ tal-ħaxix fi Triq Għajn Mhelhel.

Xogħlijiet approvata mill-Kunsill.

12.2 Is-Sindku

- biex jinxtraw magna tal-ilma u magna tal-capuccino. Approvata.
- biex isir traqqiegħ bil-konkos fit-triq li tieħu għall-bajja tax-Xwejni, in-naħa tas-sorijiet. Xogħol approvat li jsir minn Joseph Cefai.
- dwar il-*caravan* mitluqa fi Triq il-Batterija, is-Sindku qal wara li tkellem mal-Pulizija, din il-*caravan* kien ser jiġborha hu personalment.
- biex titwaħħal il-*camera* fejn hemm il-*bring-in site* ta' ġol-*parking* ta' Marsalforn. Is-Segretarja Eżekuttiva għandha tkellem lil tal-Eagle Security.
- dwar l-arblu tal-bandiera, is-Sindku qal li dan se jsir tal-ħadid; il-kanni ser jinxtraw mingħand Joseph Caruana Co Ltd, ser jaħdmu Mark Zammit , l-iskenetri u x-xogħol tal-konkos isir minn Peter Paul Said, jinżebgħah fuq il-post minn Toni Cini u l-ħbula jinxtraw mingħand Mallia.

12.3 Il-Kunsill approva:

- *safety shoes* lill-ħaddiema tal-Kunsill u li jingħataw *t-shirts* tal-Kunsill biex jintlibsu waqt il-ħin tax-xogħol.

12.4 Is-Segretarja Eżekuttiva ġibdet l-attenzjoni tal-Kamra li l-Youth Spot tal-Kunsill kien qed ikun *unattended* minn persuna adulta maż-żgħażagħ. Is-Sindku kien ser jitkellem mal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ.

## 13. AĠĠORNAMENT

13.1 Il-laqgħa ntemmet fid-9.15 ta' filgħaxija. Il-Kunsill aġġorna s-seduta għat-Tlieta 26 ta' April 2016 fis-7.00 ta' filgħaxija.

**IFFIRMATA**

***Nicky Saliba***
*Sindku*

**IFFIRMATA**

***Diane Tagliaferro***
*Segretarja Eżekuttiva*

Data: ***12 ta' April 2016***